MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 2520/2002

**Defranco Enterprises Limited
vs**

**Joseph Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm294.66) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' injam mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 3 ta' Mejju, 2002 u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali 2 ta' Awissu, 2001, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja;**

**Gie anness mal-avviz zewg invoices/delivery notes li jindikaw kif is-socjeta` attrici waslet ghall-ammont li qieghed jigi pretiz.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michael Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm294.66) bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Awissu, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 3 ta' Mejju, 2002 u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------